

Brussell, 18 ta' Frar 2019
(OR. en)

6179/19

MOG 14
COPS 33
CFSP/PESC 102
COHAFA 13
RELEX 108
YEMEN 2

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet
Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen
- konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Frar 2019)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-JEMEN

Kunsill Affarjiet Barranin, 18 ta' Frar 2019

1. L-UE tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill preċedenti tagħha dwar il-Jemen, u b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Ġunju 2018 li jkomplu jipprovdu qafas ta' politika dwar il-kriżi fil-Jemen, u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-unità, is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Jemen.
2. L-UE tilqa' l-“Ftehim ta' Stokkolma” milħuq bejn rappreżentanti tal-partijiet Jemeniti taħt l-awspiċċi tan-Nazzjonijiet Uniti f'Diċembru 2018. Il-progress li sar fi Stokkolma huwa r-riżultat ta' impenn kollettiv mill-partijiet u l-Mibgħut Speċjali tan-NU li fih l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kienu involuti b'mod attiv. Barra minn hekk, l-UE tfaħħar l-appoġġ ipprovdut mill-Iżvezja, il-Kuwajt u l-Oman biex jissoktaw it-taħditiet politiċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jinvolvu ruħhom b'mod attiv mal-partijiet kollha fil-konflitt u huma impenjati li jkomplu jappoġġaw il-proċess politiku mmexxi min-NU, inkluż permezz ta' djalogu politiku ma' atturi reġjonali rilevanti, bil-għan li jkomplu jinkisbu riżultati tanġibbli, jintemm il-konflitt u jitravwem ambjent reġjonali mtejjeb.
3. L-UE tafferma mill-ġdid li l-konflitt fil-Jemen jista' jintemm biss permezz ta' soluzzjoni politika negoziata u inklużiva. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex iżommu l-impenn tagħhom lejn il-proċess immexxi min-NU fid-dawl tat-taħdidiet li ġejjin. L-UE ttenni li l-paċi sostenibbli tista' tinkiseb biss permezz ta' negozjati li jinvolvu l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet kollha kkonċernati, inkluż is-soċjetà ċivili, in-nisa u ż-żgħażaġh.
4. L-UE tilqa' l-adozzjoni unanima tal-UNSCR 2451 u 2452 li fuqhom issejjes il-Ftehim ta' Stokkolma u li jistabbilixxu l-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li tappoġġa l-Ftehim ta' Hodeidah (UNMHA).

5. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet kollha li jipperikolaw il-progress li nkiseb mill-partijiet Jemeniti fit-taħditiet immexxija min-NU fi Stokkolma. Jeħtieġ li n-naħat kollha juru moderazzjoni assoluta, jevitaw azzjonijiet li jimminaw il-progress miksub u jonoraw il-ftehimiet kemm fil-kelma kif ukoll fis-sustanza. L-UE tfakkar fl-urġenza li tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Hodeidah inkluż l-iskjerament mill-ġdid tal-forzi rispettivi mill-belt ta' Hodeidah u l-portijiet ta' Hodeidah, Saleef u Ras Issa.
6. L-UE tilqa' l-iskjerament' tim ta' monitoraġġ preparatorju f'Hodeidah u tappella lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom b'mod pożittiv mal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Iskjerament mill-Ġdid u biex jiffaċilitaw it-tlestija tal-iskjerament tal-persunal tal-UNMHA. Jeħtieġ li l-partijiet kollha jikkooperaw bis-sħiħ man-Nazzjonijiet Uniti, jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza tal-persunal tal-UNMHA u l-UNVIM, u jiffaċilitaw il-moviment mgħaġġel u mingħajr xkiel lejn il-Jemen u ġewwa fih tal-persunal, it-tagħmir, il-provvisti u l-fornimenti essenzjali f'konformità mar-risoluzzjoni 2542 tal-KSNU, partikolarment dawk meħtieġa biex jiġu stabbiliti, jinbdew u jkunu sostnuti l-operazzjonijiet tal-UNMHA b'mod sħiħ.
7. L-UE tilqa' l-ewwel laqgħat tal-kumitat inkarigat li jissorvelja s-segwitu li jingħata għall-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-iskambju ta' prigionieri li sar f'Amman. L-UE tilqa' wkoll il-ħelsien sussegwenti ta' prigionieri miż-żewġ partijiet bħala sinjal ta' inkoraġġiment u tistenna li l-partijiet ikomplu jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv bejniethom u mal-Mibgħut Speċjali u l-ICRC favur l-implimentazzjoni kontinwa ta' dan il-ftehim qabel iċ-ċiklu ta' negozjati li jmiss.
8. Fir-rigward tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt stabbilit mid-Dikjarazzjoni ta' Qbil dwar il-belt ta' Taiz, l-UE tappella lill-partijiet biex jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tagħha bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim sħiħ ta' waqfien mill-ġlied.

9. L-UE u l-istati membri tagħha ser ikompli jipprovdu lin-Nazzjonijiet Uniti b'appoġġ politiku, finanzjarju u appoġġ ieħor fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Stokkolma u ser ifittxu b'mod attiv aktar għażliet konkreti għal dan il-għan. L-UE tilqa' l-isforzi kollha mwettqa biex l-attenzjoni tiġi ffokata fuq il-ħtieġa għal inizjattivi ta' stabbilizzazzjoni rapida, inkluż bl-appoġġ ta' Faċilità tan-NU ta' Appoġġ għall-Paċi għall-Jemen marbuta direttament mal-proċess ta' paċi kif diskuss fid-Djalogu ta' Strateġija ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Paċi u l-Prospetti għal Stabbilizzazzjoni fil-Jemen li sar f'Berlin fis-16 ta' Jannar 2019.
10. L-UE hija wkoll lesta li tappoġġa miżuri biex jinfetaħ mill-ġdid l-Ajruport Internazzjonali ta' Sana'a, tfakkar fin-natura umanitarja ta' din l-azzjoni, u tħeġġeġ l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-NU u l-partijiet kollha sabiex jilħqu ftehim dwar din il-miżura kruċjali għat-tisħiħ tal-fiduċja.
11. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jiffaċilitaw it-twassil tal-provvisti kummerċjali, inkluż il-karburant. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar li l-funzjonament tal-port ta' Hodeidah flimkien ma' dawk ta' Saleef u Ras Issa huwa ta' importanza vitali għas-sopravivenza ta' miljuni ta' ċittadini Jemeniti. Għal dan il-għan, l-UE ser tkompli l-appoġġ tagħha tal-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (UNVIM) bil-ħsieb li jiġi żgurat li jinżamm il-fluss ta' merkanzija dieħla fil-Jemen f'konformità sħiħa mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU.
12. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, inkluż it-tfal, u biex jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt umanitarju internazzjonali kif ukoll id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jiżguraw aċċess sikur, rapidu u mingħajr xkiel għall-provvisti umanitarji u l-persunal lin-nies kollha fil-bżonn fil-provinċji milquta kollha.

13. L-UE, li sa mill-bidu tal-kunflitt ikkontribwiet aktar minn EUR 560 miljun f'assistenza, tfakkar fit-tħassib tagħha rigward is-sitwazzjoni umanitarja diżastruża fil-Jemen u tenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-muturi ewlenin tagħha permezz ta' koordinazzjoni xierqa bejn l-azzjonijiet tas-sigurtà, politiċi, umanitarji u ta' żvilupp. Barra minn hekk, l-UE ttenni l-importanza tal-appoġġ għar-reżiljenza tal-popolazzjoni u l-istituzzjonijiet fil-livelli kollha, u dik ta' atturi ekonomiċi, biex jiġi evitat li l-funzjonijiet bażiċi tal-istat jitħallew ifallu, filwaqt li tinżamm bażi għar-rikostruzzjoni fil-futur. F'dan is-sens, l-UE ttenni l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-kapaċitajiet tal-Bank Ċentrali tal-Jemen. L-istabbiliment ta' politika monetarja soda u l-ħlas regolari u sħiħ tas-salarji u l-pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil madwar il-pajjiż ser jgħin lil miljuni ta' ċittadini, inkluż f'żoni fejn diġà ġiet identifikata l-karestija.
14. L-UE tappella lid-donaturi kollha biex jagħmlu kontribuzzjonijiet fil-konferenza tad-donaturi għall-Jemen li jmiss li ser tiġi ospitata b'mod konġunt mill-Iżvezja, l-Iżvizzera u n-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra fis-26 ta' Frar 2019 u li ser twieġeb għall-akbar Pjan ta' Risposta Umanitarja tan-NU li qatt sar. L-UE ttenni l-appell tagħha lill-atturi kollha biex jidderieġu l-wegħdiet umanitarji tagħhom permezz tal-Pjan ta' Risposta tan-NU bħala parti minn rispons internazzjonali kkoordinat sew għall-kriżi.
15. F'dan l-istadju kruċjali għall-futur tal-Jemen, l-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għan-Nazzjonijiet Uniti u għall-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tan-NU Martin Griffiths u tal-UNMHA. L-UE tappella lill-partijiet kollha fil-Jemen u fir-reġjun biex jirrispettaw ir-risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2451 u 2452 u biex jaħdmu b'mod kostruttiv favur soluzzjoni politika dejjiema u inklużiva għall-benefiċċju tal-poplu tal-Jemen.